**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠSTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

**Kumpilazzjoni Numru 689/2023**

**IL-PULIZIJA**

**Vs**

**Ian Caruana**
(detentur tal-karta tal-identità bin-numru 259779M)

Illum, 24 ta' Ottubru 2023

**Il-Qorti:**

Rat li Ian Caruana ta' 44 sena', bin Mario u Mary nee' Agius, imwieled Pieta' nhar it-28 ta' Marzu 1979, u residenti ġewwa l-fond Monakella, Triq Ġiovanni Scicluna, Għaxaq u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 259779M ġie akkużat talli nhar il-5 ta' Jannar elfejn tlieta u għoxrin (2023) ġewwa l-gżejjer Maltin:

"...

1. Akkwistajt, kellek fil-pussess tiegħek, għal-liema għan ikun, iż-żamma jew l-importazzjoni tal-armi regolari u l-munizzjon u ċioè Knuckle Duster (ponn tal-ħadid) msemmija fl-iskeda I li huma projbiti: Artikolu 3(a) tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U Aktar talli fl-istess data wara eżami tal-pakkett reġistrat bin-numru UM624584807US indirizzat lilek Ian Caruana li saret minn uffiċjali tad-dwana ġewwa il-Maltapost Marsa, instab li mportajt jew daħħalt jew kellek x' taqsam f'illi timporta f'Malta Knuckle Duster (ponn ta' ħadid) u dan bil-ħsieb li tiffroda lill-Gvern minn dazju jew taxxa li jkun imiss jitħallas jew biex tinħeles xi projbizzjoni jew limitazzjoni dwar dawn l-oġġetti.

   L-oġġett hawn fuq imsemmi, li l-importazzjoni u l-pussess tagħha huwa projbit u/jew ristrett, għandha valur totali ta' €25.38, dazju dovut €0.81 u taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) li tammonta ghal €4.71; Artikoli 60(1)(b), 62(a)(b)(i) tal-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta.

…"

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li waqt is-seduta tat-tlieta (3) ta' Ottubru elfejn tlieta u għoxrin (2023) id-difiża talbet differiment sabiex tkun tista' tikkonsidra l-pożizzjoni tagħha.

Rat li waqt is-seduta tal-lum is-sbatax (17) ta' Ottubru elfejn tlieta u għoxrin (2023) filwaqt li eżebiet xi dokumenti, il-prosekuzzjoni ddikjarat li l-akkużat kien irregolarizza l-pożizzjoni tiegħu dwar l-ammont ta' taxxa u dwana dovuta, u li għaldaqstant hija seduta stante irtirat it-tieni (2) akkuża.

Rat li waqt l-istess seduta tal-lum l-akkużat ammetta l-imputazzjonijiet, kif ukoll li wara li l-Qorti spjegat il-portata tal-ammissjoni lill-akkużat stess u l-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi, u wara li tat żmien lill-akkużat biex jerġa jikkonsulta mal-avukat tiegħu u tat ukoll iż-żmien biex jikkunsidra l-ammissjoni mill-ġdid, u għal dan il-għan issospendiet il-kawża, meta reġgħet issejħet il-kawża l-akkużat ikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Rat l-atti proċesswali.

Semgħat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Fl-isfond ta' l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-akkużat, il-Qorti ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat Ian Caruana detentur tal-karta tal-identità bin-numru 259779M ħati ta' l-akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu.

**Il-Piena:**

Il-Qorti ikkunsidrat li l-artikolu tal-Liġi li jistabbilixxi l-pieni dwar reat taħt l-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 480 li biħ jinsab akkużat il-ħati, huwa l-artikoli 51. Ta' nteress għal dan il-każ huwa dak li jgħid is-subinċiż (1) ta' dan l-artikolu, li jerġa jinqasam f'żewġ paragrafi. Il-Qorti mill-ewwel teskludi ż-żewġ provisos li jsegwu l-artikolu 51(2) peress li dawn japplikaw għal-imsemmi artikolu 51(2) biss, u dan jikkontempla aġir li jaqa taħt l-artikolu 5, u mhux l-artikolu 3 li bih huwa akkużat il-ħati. Huwa għalhekk li din il-Qorti se tiffoka fuq l-artikoli 51(1) li jaqra hekk:

"51. (1) Kull min jikser l-artikolu 3 ikun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel:

(a) jekk il-ħtija tkun dwar arma regolari, priġunerija minn tliet xhur sa għaxar snin;

(b) jekk il-ħtija tkun dwar munizzjon, multa ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) u mhux iżjed minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69)."

Il-Qorti tqis li 'ponn tal-ħadid', l-arma in kwistjoni mhijiex munizzjon imma arma. Għaldaqstant il-paragrafu (b) ċitat hawn fuq l-anqas ma japplika f'dan il-każ.

Allura wieħed irid iħares lejn l-artikolu 51(1)(a). M'hemmx dubbju li l-arma in kwistjoni hija projbita peress li din tinsab elenkata fl-ewwel (I) Skeda tal Kapitolu 480. Biss l-artikolu 51(1) filwaqt li jagħmel referenza għal artikolu 3, taħt il paragrafu (a) jikkontempla 'arma regolari'. Dawn huma definiti fl-istess Kapitolu 540 bħala:

" 'armi regolari' għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 64 tal-Kodiċi Kriminali u għandha tinkludi arma tan-nar kif imfissra f'dan l-artikolu;"

Ċertament li ponn tal-ħadid m'huwiex arma tan-nar. Allura wieħed ikollu bilfors iħares lejn id-definizzjoni mogħtija fl-artikolu 64 tal-Kodiċi Kriminali li jgħid:

"64.(1) Huma armi regulari l-armi kollha tan-nar, u l-armi, strumenti u l-għodod l-oħra kollha li għandhom bħala skop prinċipali d-difiża ta' wieħed innifsu jew l-offiża ta' ħaddieħor.

(2) L-armi, strumenti u għodod oħra kollha ma jitqisux bħala armi, ħlief meta fil-fatt jiġu wżati għall-offiża jew għad-difiża, u f'dan il-każ jissejħu armi irregulari."

Fl-artikolu 64(1) jiġi stabbilit il-prinċipju li dak kollu li bħala skop prinċipali għandu d-difiża jew l-offiża skont il-każ tiegħu innifsu jew ta' ħaddieħor għandu jitqies li huwa arma regolari. Huwa hawnhekk allura li din il-Qorti issib is-serħan ta' moħħ li l-piena kontemplata l-artikolu 51(1)(a) tapplika fil-każ ta' ponn tal-ħadid.

Il-Qorti hija tal-fehma, tenut kont tal-ammissjoni bikrija tal-akkużat, tal-fatt li huwa kkopera bis-sħiħ mal-uffiċjali tad-dwana u mal-prosekuzzjoni, tal-fedina penali netta tal-akkużat, li huwa għandu impjieg fiss u li dan kien żball ta' darba, sentenza ta' priġunerija effettiva ma tilħaqx l-effett mixtieq anzi x'aktarx li jkollha effetti negattivi biss kemm fuq l-akkużat kif ukoll fuq is-soċjeta, u fiċ-ċirkostanzi din għandha tingħata fil-minimu tagħha.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi wara li rat l-Artikoli 3(a), 51(1)(a), 56 u t-tieni (II) Taqsima tal-ewwel (I) Skeda tal- Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 64 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti fuq ammissjoni tal-akkużat stess, ossia Ian Caruana detentur tal-karta tal-identità bin-numru 259779M, issibu ħati tal-akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu, u tikkundannah għal-piena ta' tlett xhur (3) priġunerija, u wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li l-imputat jiġi ttrattat permezz ta' sentenza sospiża, b' dan illi s-sentenza inflitta ma għandiex tibda sseħħ ħlief jekk, waqt il-perjodu ta' sena (1) li jibda jgħodd mid-data ta' din l-ordni, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, u wara dan qorti kompetenti tordna bis-saħħa tal-artikolu 28B tal-

Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li s-sentenza oriġinali għandha tibda sseħħ. Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, il-portata tas-sentenza.

In oltre u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna l-konfiska ta' l-ponn tal-ħadid esibit formalment waqt is-seduta tat-tlieta (3) ta' Ottubru elfejn tlieta u għoxrin (2023).

Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba ikkontemplata abbażi tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li mill-atti proċesswali ma jirriżultax li nħatru xi esperti jew periti.

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------